# Il-PJAN TAL-LEZZJONI – 4.8

**Kapitlu 4: Ejja inkunu ħbieb tajbin !**

**Lezzjoni 4.8:** ***It-tfal tad-dinja huma kollha ħbieb***



**L-Għanijiet:**

**It-tfal:**

1. Jisimgħu dwar tfal madwar id-dinja li huma differenti minnhom.
2. Jitgħallmu kif dawn huma differenti minna.
3. Jagħrfu jiċċelebraw d-differenzi bejn tfal tad-dinja bit- tpinġija.

**Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Party streamer. (Jekk l-għalliema tiġbor it-tilqit ta' streamers kull kulur u titlob lit-tfal jgħaqqduhom flimkien bil-kolla u jrambluhom f'roll ikun aħjar.)
- Starboard presentation.
- Song: Kollha ħbieb.



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Iġbor lit-tfal bilqiegħda f'forma mdawra u għidilhom:

  "Illum ser nibnu xibka jew network. Din irridu nibnuha flimkien. Kulħadd hu importanti f'din ix-xibka, kulħadd irid jagħmel xi ħaġa biex nibnuha u kulħadd irid iżommha sew u ma jitlaqhiex. Jekk jitlaqha xi ħadd, din ix-xibka titkisser u aħna ma nibqgħux maqgħudin flimkien. Dan ifisser illi x-xibka rridu nieħdu ħsiebha."

- Spjega kif kulħadd irid jgħaddi r-roll tal-karti lil xi ħadd ieħor min-naħa l-oħra tad-dawra. Qabel ma jippassja, kull student irid jgħid l-isem ta' lil min ser jgħaddi r-roll, jgħid xi ħaġa dwaru/ha u jgħid ukoll li huwa ħabib. Eż: Sarah għandha xagħarha kannella u hija ħabiba jew Keith għandu xagħru nokkli u huwa ħabib. L-importanti huwa li ma nħallu 'l ħadd barra u nibqgħu sejrin ngħaddu r-roll lil xulxin sakemm kulħadd ikun qed iżommu.

- Għid lit-tfal li issa huwa importanti li kulħadd iżomm sod u ħadd ma jiġbed għax ix-xibka titkisser jew titqatta'. Bil-mod il-mod it-tfal iqumu bilwieqfa u jippruvaw iduru bix-xibka. Fl-aħħar l-għalliema tgħidilhom li malli tgħodd tlieta kulħadd jitlaq ix-xibka ħalli naraw x' ser jiġri.( Ix-xibka waqgħet mal-art u aħna ma bqajniex flimkien.)

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)

- Għin lit-tfal jindunaw illi x'ħin konna qed nagħmlu x-xibka, konna lkoll magħqudin flimkien u ħbieb, dan minkejja li kollha differenti minn xulxin. (eż. Min xagħru nokkli, min lixx, min għajnejh kannella u min blu, min ġilda bajda u min ismar, min xagħru iswed u min isfar eċċ). Mhux importanti li aħna lkoll differenti minn xulxin, xorta kulħadd importanti biex nibnu xibka flimkien. "Mur ġibna kieku jkollna nibnu xibka kbira bħal din bit-tfal tad-dinja kollha. Min jaf kemm ikollna xibka kbira. U min jaf kemm ikun hemm tfal aktar differenti. Tridux nippruvawha?" Uża l-iStarboard presentation biex tagħmel dan. Bil-pen ikkulurita, it-tfal jagħmlu l-istess xibka li għamlu huma bir-roll tal-karti, billi jgħaqqdu l-istampi tat-tfal differenti madwar id-dinja bejniethom u joħolqu ***network***.



- Għin lit-tfal jinnotaw illi t-tfal huma kollha differenti minn xulxin (kulur tal-ġilda, xagħar u għajnjejn, ilbies, forma tal-għajnejn eċċ). Imma kollha huma importanti għaliex kollha ħalaqhom Alla u Alla jħobb lil kulħadd. "Kif ser ngħidulu 'Grazzi' lil Alla talli jħobb lil kulħadd?" Dan nagħmluh billi inkunu kollha magħqudin flimkien u mhux mifrudin. Aħna nkunu magħqudin meta nibnu xibka ma' tfal differenti tad-dinja. Billi nagħmlu network ta' ħbieb mat-tfal minn kull parti tad-dinja. Mhux tfal tar-raħal tagħna biss jew ta' Malta biss.

- X'jiġri jekk aħna ma nkunux ħbieb ma' tfal differenti ta' pajjiżi oħra? Ix-xibka tinkiser u ma nibqgħux magħqudin flimkien. U jekk ma nibqgħux magħqudin flimkien jinqala' ħafna inkwiet u ġlied fid-dinja. Imbagħad lil Alla ma nkunux qed ngħidulu 'Grazzi'.

- Ikkonkludi l-lezzjoni billi tagħmel kopja tal-Karta ta' Taħriġ Addizzjonali li qed tingħata u tistieden lit-tfal (jekk inti trid) jgħaqqdu d-dinja u jpinġu l-parti tad-dinja li għandhom fil-worksheet . Imbagħad jgħaqqdu permezz ta' linja t-tfal ma' xulxin biex joħolqu " Network ta' ħbieb".

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)




1. Nibnu network tal-ħbieb ma' kulħadd.
2. Ħadd ma hu l-istess, kollha differenti minn kulħadd iħobb.
3. Biex fid-dinja ma jkunx hawn ġlied, kulħadd irid jaħdem biex inkunu ħbieb.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

**Niċċelebraw: Ejja nferrħu lil kulħadd!**

Naħsbu f'kulħadd biex inkunu ħbieb tajbin .



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Titkanta fuq (Frere Jacque)



Xagħru iswed

Xagħarha isfar

Għajnejn kbar

Għajnejn żgħar

Kollha differenti

Kollha differenti

Kollha ħbieb

Kollha ħbieb

Ġilda bajda

Ġilda skura

Dak qasir

L-ieħor twil.

Kollha differenti

Kollha differenti

Kollha ħbieb

Kollha ħbieb

## Nitolbu

Grazzi Mulej talli ħlaqt dinja kbira u sabiħa b'ħafna nies differenti minn xulxin.

